**A.L. 136 ta' l-1994**

## ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
## (KAP. 35)

### Regolamenti ta' l-1994 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet ta' Dħul fil-Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru għaż-Żgħażagħ u Kultura, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u. bidu fis-seħħ.

**1.** (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti dwar id-Drittijiet ta' Dħul fil-Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1992 dwar id-Drittijiet ta' Dħul fil-Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 111 ta' l-1992.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Ottubru, 1994.

Jissostitwixxi r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Minflok ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Biljetti ta' dħul.

3. (1) Id-Direttur tal-Mużewijiet għandu bejn l-1 ta' Ottubru, 1994 u t-30 ta' Ġunju, 1995, jesiġi l-ħlas ta' dritt ta' lira Maltija minn kull persuna ta' l-età ta' 19-il sena jew aktar għad-dħul f'kull ġurnata tal-ġimgħa inklużi s-Sibtijiet u l-Ħdud, f'xi mużew jew monument barra mill-Ipoġew ta' Ħal Saflieni , Raħal Ġdid:

Iżda ma għandu jitħallas ebda dritt għad-dħul f'dawn il-mużewijiet u monumenti minn persuni li —

(a) ma jkunux għalqu d-19-il sena;

(b) jkollhom 65 sena jew aktar.

(2) Id-Direttur tal-Mużewijiet għandu jesiġi dritt ta' ħlas ta' Lm3 minn kull persuna ta' l-età ta' 19-il sena jew aktar, u ta' lira Maltija minn kull persuna taħt id-19-il sena, għad-dħul fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, Raħal Ġdid.".